# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT

## DR CONSUELO SCERRI HERRERA LL.D. DIP. MATR. (CAN)

**Seduta mizmuma llum, 21 ta' Marzu 2018**

**Rikors Numru: 230/16 CSH**

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553) u dina kif surrogata kemm skond il-Ligi kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha James Zammit, u l-istess James Zammit**

**vs**

**Denise Papagiorcopulo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Mapfre' Middlesea p.l.c. u James Zammit fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallashom is-somma ta' erbatax-il elf, hames mija u sebgha u disghin Ewro w erbgha w erbghin centezmu (€14,597.44) jew somma ohra verjuri li tigi stabbilita minn din l-Onorabbli Qorti okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh nhar it-

tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru 2014 gewwa Vjal Millbrae, Mosta bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni PAP 531 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SAN 110 proprjeta' tal-attur James Zammit u assigurata mis-socjeta' assiguratrici attrici taht polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive, in kwantu ghall-ammont ta' erbatax-il elf, hames mija u sebgha u tletin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€14,537.44) li jirriflettu l-hsarat sofferti fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SAN 110 illi ghalihom diga' ghamlet tajjeb is-socjeta' assiguratrici attrici a bazi tal-polza ta' assigurazzjoni minnha mahruga u in kwantu ghall-ammont ta' sittin Ewro (€60) ghall-*excess payment* li l-attur James Zammit hallas biex jiftah il-*claim* in konnessjoni mal-istess incident, liema incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali datata 13 ta' April 2016 u dawk tal-ittra ufficjali li qed tigi pprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' Thomas Smith Insurance Agency Limited, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-incident kontra l-intimata, li minn issa tinstab ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' tal-konvenuta **Denise Papagiorcopulo** pprezentata fit-18 ta' Ottubru, 2016 fejn eccepiet:

"1. *Illi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti stante li l-incident tat-traffiku de quo ma kienx imputabbli ghal xi htija jew nuqqas da parti tal-intimata Denise Papagiorcopulo izda sehh unikament bi htija tal-assikurat tas-socjeta' rikorrenti.*

*2. Ghalhekk, fejn jirrigwarda l-esponenti m'hemmx danni x'jigu likwidati favur ir-rikorrenti. Minghajr pregudizzju ghall-permess u fi kwalunkwe kaz, il-*

*quantum tad-danni pretizi mir-rikorrenti huwa kontestat u ghandu jigi pruvat skont il-Ligi.*

*3. Ghaldaqstant, ma hemmx lok ghall-kundanna tal-esponenti ghall-hlas ta' danni favur ir-rikorrenti.*

*4. Salv eccezzjonijiet ohra permess mill-Ligi u bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.*"

**PS1300 Julian John Fenech** xehed nhar is-7 ta' Dicembru, 2016 fejn qal illi huwa kien is-surgent li nvestiga l-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Ottubru 2014 gewwa Vjal Millbrae, Mosta bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni PAP531 misjuqa minn James Zammit u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni SAN110. Il-vettura PAP531 kienet misjuqa minn Denise Papagiorcopulo waqt li l-vettura SAN110 kienet misjuqa minn Sandro Mintoff. Tenna jghid li effettivament fl-investigazzjoni tieghu huwa kien mar fuq il-post tal-incident u esebixxa kopja tal-okkorrenza relattiva flimkien mal-iskizz. Dawn gew mmarkati mill-Qorti bhala Dokument PS. Zied illi effettivament Denise Papagiorcopulo li kienet qed issuq il-vettura PAP 531 kienet qed taqsam minn Triq Francesco Napuljun Tagliaferro ghal Triq il-Misrah Ghonoq li hija dahla ghal Gnien Gharusa tal-Mosta waqt li l-vettura SAN110 misjuqa minn Sandro Mintoff kienet tiela' minn Burmarrad u laqatha fuq wara bil-konsegwenza li l-vettura ta' Denise Papagiorcopulo spiccat go hajt taht tabella bl-isem Gnien l-Gharusa tal-Mosta. Id-direzzjoni tal-vettura SAN110 kienet wahda dritt minn Burmarrad ghal Mosta. Gie muri ritratti *black and white* li jinsabu inseriti fl-atti, qal li dawn huma t-tlett ritratti tal-vettura in kwistjoni fejn spiccat gewwa l-hajt u dawn juru l-vettura tal-konvenuta Denise Papagiorcopulo. Gie muri ritratt partikolarment mmarkat bhala Dokument X. Sostna li effettivament Denise Papagiorcopulo kienet kwazi qasmet it-triq kollha u effettivament id-daqqa

haditha fuq in-naha tax-xellug fuq il-parti ta' wara u bid-daqqa tilfet il-kontroll u spiccat gol-hajt. Id-daqqa li hemm fuq il-parti ta' wara tal-vettura qal li effettivament haditha mill-vettura misjuqa minn Mintoff. Il-hsara li hemm fuq quddiem haditha mal-hajt.

**Stephanie Borg** xehdet nhar is-7 ta' Dicembru 2016 ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' attrici u stqarret li hija tokkupa l-kariga ta' *claims handler* mas-socjeta' attrici. Mistoqsija xi hlasijiet saru in konnessjoni mal-incident awtomobilistiku li sehh fit-22 ta' Ottubru 2014 gewwa l-Mosta , hija qalet illi saru l-hlasijiet fl-ammont ta' erbatax-il elf, hames mija u seba' u disghin ewro u erba' u erbghin centezmu (€14,597.44) lill-mekkanik, *part supplier*. Dan abbazi tal-polza li kien ghamel maghhom James Zammit li kienet tat-tip comprehensive u dan fir-rigward tal-vettura numru ta' registrazzjoni SAN110 tal-ghamla BMW 535D. Stqarret li effettivament James Zammit kien ghamel *policy excess payment* ta'  sittin ewro (€60) u hija esebiet rendikont li gie mmarkat bhala Dokument SB1.

Stefanie Borg in rapprezentanza tas-socjeta' attrici regghet xehdet fit-8 ta' Frar 2017 fejn qalet li effettivament is-socjeta' SMS Insurance Agency hallsithom l-ammont ta' sitt ewro bhala excess ta' James Zammit.  B'referenza ghad-dokument li jinsab inserit a fol 23, qalet illi effettivament SMS Insurance kienet hallset diversi policies inkluz dawk ta' James Zammit.  Ix-xhud esebiet dokument globali li gie mmarkat Dok CSH fejn hemm indikat li SMS hallset elf u hamsa u tmenin ewro (€1,085) u hemm ukoll indikat sitt ewro li hallset ghan-nom ta' James Zammit.

**Sandro Mintoff** xehed nhar il-15 ta' Marzu 2017 (fol. 62) u spjega li nhar it-22 ta' Ottubru 2014 huwa kien qed isuq il-vettura tal-ghamla BMW numru ta registrazzjoni SAN 101 gewwa Vjal Millbrae, Mosta fid-direzzjoni sejjer lejn

il-Mosta. Qal li fil-karreggjata tieghu ma kien hemm l-ebda traffiku waqt li l-karregjata l-ohra kienet mimlija traffiku serbut shih vettura wara l-ohra. Mieghu fil-karozza kien hemm Ryan Joseph Micallef u kien passigier fuq in-naha ta' quddiem fuq in-naha tax-xellug.

Kien tiela' t-telgha f'din l-istess triq u kien ghaddej b'sittin (60) kilometru fis-siegha. F'daqqa u l-hin giet karozza minn quddiemu, tant li lanqas biss kellu chance jghafas il-brake. Jaf li din spiccat *right angle* quddiemu. Il-karozza li dahal fiha kienet fuq ix-xellug waqt li id-daqqa tieghu kienet wahda frontali. Huwa ta d-daqqa fil-parti warrani taghha tan-naha tax-xellug. Jghid li fl-ebda hin ma din il-vettura kienet fil-karriggjata tieghu qabel l-incident. Huwa habat fil-vettura numru ta' registrazjoni PAP 531. Qal li din il-vettura jew ghamlet U turn jew harget minn triq li kien hemm fuq in-naha tax-xellug tieghu minn fejn mhux suppost tohrog.

Qal li l-incident sehh fil-karreggjata teghu u bid-daqqa il-vettura daret. Huwa kkonferma fl-intier taghha l-istqarrija li huwa kien ta lis-surgent li kien qed jinvestiga il-kaz ftit wara li sehh, liema versjoni tinsab skritta fl-okkorrenza esebita a fol. 21 tal-atti mmarkata bhala Dok PS. Muri l-iskizz esebit fl-atti a fol. 21, huwa immarka bl-ittra 'x' l-posizjoni ta' fejn kien meta habat mal-vettura. Il-posizjoni jafha zgur. Muri ir-ritratt esebit fl-atti a fol. 26 tal-process, qal illi dawn huma ritratti tal-hsarat li kien hemm fil-vettura tieghu u l-hsara tinsab fuq in-naha ta' quddiem. Waqt li a fol. 40 tal-process hemm ritratt li qed jindika il-hsara li kien hemm fuq il-vettura l-ohra li tinsab fuq in-naha ta' wara tal-vettura, cioe' fuq in-naha ta' wara tal-mudguard fuq ir-rota.

**James Zammit** xehed nhar l-10 ta' Mejju 2017 u kkonferma li huwa kien il-propretarju tal-vettura tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni SAN 110. Qal li Sandro Micallef kien qed isuq il-vettura tieghu u kien involut f'incident

awtomobilistiku li sehh gewwa il-Mosta. Il-vettura tieghu kienet koperta b'polza ta' assigurazzjoni *fully comprehensive.* Qal li huwa kien hallas l-excess fl-ammont ta' sittin euro (€60) u in segwitu jaf li l-vettura issewwiet ghall-hsara li kellha fl-ammont ta' €14,597.44 kif muri fid-dokument SB1. Ikkonferma li d-daqqa fil-vettura tieghu kienet wahda frontali. L-ammont ta' hsarat kienu konsiderevoli ghaliex il-karozza kienet wahda ta' valur gholi u mhux ghax effettivament d-daqqa kienet wahda kbira. Jghid li huwa ma ghandu l-ebda pretensjoni kontra is-socjeta' assikurattrici u dan ghaliex huwa thallas ghas-saldu ta' kull pretensjoni li huwa kellu in konnessjoni ma' dan l-incident. Mistoqsi jekk rax l-incident isehh jghid li ma rahx u lanqas ma ra l-hsarat fil-vettura l-ohra tal-ghamla Kia.

**John Borg Bellanti** xehed nhar l-10 ta' Mejju, 2017 u dan fil-kapacita tieghu ta' surveyor. Huwa kkonferma ir- rapport tieghu datat 23 ta' Mejju, 2015 esebit f'dawn l-atti u markat bhala dok SB dwar il-vettura tal-ghamla BMW numru ta' registrazzjoni SAN 110. Muri l-ircevuta ta' riparazjonijiet li saru fuq din il-vettura in kwistjoni li jinsabu esebiti fl-atti a fol. 29, qal li ma kienx hu li ordna il-parts in kwistjoni. Huwa kien indika lis-socjeta' Middlesea liema parts kellhom jinbidlu u s-socjeta' Middlesea ghandha dipartiment maghruf bhala *cost control* li jordna il-parts relattivi. Ghalhekk jemmen li dan id-dipartiment ordna l-parts li kien indikalhom hu fis-survey report tieghu.

**David Cachia** xehed nhar it-28 ta' Gunju 2017 u stqarr li huwa jahdem bhala administirator fid-dipartiment tal-parts. Muri numru ta' dokumenti li jinsabu inseriti f'dawn l-atti a fol 30 sa 34 qal li dawn huma l-invoices li hargu mis-socjeta' minnu rappresentata u li dawn hargu in konnessjoni mal-vettura tal - ghamla BMW numru ta' registrazzjoni SAN 110 u stqarr li dawn il-fatturi jinsabu kollha imhallsa permezz ta' cekkijiet. Huwa esebixxa dokumenti li gew

immarkati bhala Dok A, Dok B u Dok C li jindikaw kopji ta' tlett cekkijiet li permezz taghhom thallsu dawn l-invoices.

**Ryan Joseph Micallef** xehed nhar it-28 ta' Gunju 2017 u kkonferma li huwa kien passigier riekeb fil-vettura misjuqa minn Sandro Micallef li kienet involuta f'incident stradali gewwa l-Mosta. Jghid li huwa kien rikeb fuq in-naha ta' quddiem. Ftakar li meta kienu telghin minn Burmarrad sejrin fid-direzzjoni tal-Mosta, meta appena waslu hdejn dik is-side street li tidhol ghal gnien tal-Gharusa tal-Mosta, fuq in naha tax-xellug taghhom kien hemm karozza li kienet gejja mid-direzzjoni opposta u din ghamlet U turn u baqghu dehlin go fiha. L-incident sehh fuq in-naha tal-kareggjata taghhom li kienet it-triq it-tajba. Id-daqqa kienet fuq il-kanturiera tal-vettura li ghamlet il-U turn. Din il-vettura kienet qed taghmel manuvra biex iddur u huma tawha daqqa fuq il-kantuniera taghha. Hu zgur li l-vettura kienet gejja mid-direzzjoni opposta.

**George Zammit** xehed nhar it-28 ta' Gunju 2017 u stqarr li huwa jahdem bhala *panel beater*. Muri l-ircevuta li allegatament irrilaxja hu a fol. 37 jghid li dik harigha hu flimkien mal-fattura li hemm a fol. 38 tal-atti. Jghid li l-vettura kienet giet mehuda fil-garaxx tieghu minn certu persuna kunjomha Mintoff. Kienet BMW bajda five series.

**Paul Mallia** xehed nhar it-18 ta' Ottubru, 2017 u muri l-invoice tal-VAT esebiti fl-atti a fol. 36, qal li dawn gew mahruga f'isem James Zammit fl-ammont ta' €894.14 u maghha kien hemm invoice datata 26 ta' Mejju 2015. Qal li dawn iz-zewg dokumenti it-tnejn li huma gew mahruga minnu u kkonferma li rcieva il-flus hemm indikati.

Il-Qorti tat zmien konsiderevoli sabiex il-konvenuta tressaq il-provi taghha izda ripetutament din naqset li tidher u lanqas deher l-avukat difensur taghha f'diversi seduti li gew iffissati ghall-gbir tal-provi.

Rat illi fl-ahhar seduta appuntata proprju sabiex il-konvenuta tressaq il-provi taghha, hija naqset li tidher u ghalhekk l-avukat difensur tas-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza *in difetto ostacolo.*

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta s-segwenti fatti li m'humiex kontestati:

1. Illi nhar it-22 ta' Ottubru 2014 sehh incident stradali gewwa Vjal Millbrae, Mosta bejn il-vettura BMW numru ta' registrazzjoni SAN 110 misjuqa minn Sandro Mintoff propjeta' ta' James Zammit u l-vettura tal-ghamla Kia numru ta' registrazzjoni PAP 531 misjuqa minn Denise Papagiorcopulo.
2. Jirrizulta li din il-habta sehhet meta Sandro Mintoff li kien qed isuq fid-direzzjoni tal-Mosta gej minn Burmarrad, sab vettura tal-konvenuta taghmel U turn quddiem il-karreggjata tieghu tant li baqa' diehel go fiha bla ma kellu l-hin izomm l-brakes.
3. Illi l-vettura ta' James Zammit kienet koperta b'polza ta' sigurta' '*fully comprehensive.*'

4. Illi huwa thallas is-somma kollha rapprezentanti l-hsarat li sofra fil-vettura tieghu oltre l-excess li kien hallas lis-socjeta' attrici u dan l-ammont ta' erbatax-il elf, hames mija u sebgha u disghin Ewro w erbgha w erbghin centezmu [€14,597.44] (l-ammont tal- hsara €14,537.44 oltre l-hlas tal-excess fl-ammont ta' €60).

5. Illi Sandro Mintoff xehed u spjega kif sehh l-incident u cioe' li kien ghaddej fit-triq b'xi sittin kilometru is-siegha meta f'daqqa wahda gie rinfaccjat b'vettura tal-ghamla Kia misjuqa mill-konvenuta quddiemu u spicca dahal fiha. Id-daqqa tieghu kienet wahda frontali waqt li dik tal-konvenuta kienet fil-kantuniera fuq wara fuq in-naha tal-lemin.
6. Illi xehdu rapprezentanti tas-socjeta' assikurattrici li kkonfermaw li huma hallsu lill-assikurat taghhom James Zammit ghas-saldu ta' kull pretensjoni li kellu dwar dan l-incident.
7. Illi James Zammit xehed li rcieva l-ammont kollu u li ma kellux pretensjonijiet ulterjuri.
8. Illi l-verzjoni tal-fatti ta' kif sehh l-incident kif spjegat minn Sandro Micallef li kien qed isuq il-BMW numru ta' registrazzjoni SAN 110 giet korroborata minn Ryan Joseph Micallef li kien riekeb passiggier mieghu u ma gietx kontestata mill-konvenuta li ma xehditx f'dawn il-proceduri minkejja d-diversi opportunitajiet li nghatat ghal dan il-ghan.
9. Il-Qorti ezaminat id-dokumenti kollha fosthom l-ircevuti u l-invoices li gew esebiti u ssib li t-talba tas-socjeta' assikurattrici hija wahda gustifikata fic-cirkostanzi u dan ghaliex l-konvenuta ma kellha l-ebda dritt li taqbad u taghmel U turn fi triq principali u tikkreja emergenza subitanea lill-istess konducent Sandro Mintoff.

**Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li tiddikjara li l-incident li sehh fit 22 ta' Ottubru, 2014 sehh tort uniku tal-konvenuta minhabba imperizja, negligenza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku li qabdet u ghamlet U turn fi triq principali minghajr ma hadhet il-prekawzjoni rikjesta, issib lill-istess konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti minn James Zammit kif imhallsa mis-socjeta' attrici u ghalhekk subbrogata fid-drittijiet tieghu u ghalhekk qeda tillikwida d-danni sofferti fl-ammont ta'**

**erbatax-il elf, hames mija u sebgha u disghin Ewro w erbgha w erbghin centezmu (€14,597.44) kif mitluba mill-istess socjeta' attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici dik is-somma hekk likwidata minnha fl-ammont ta' erbatax-il elf, hames mija u sebgha u disghin Ewro w erbgha w erbghin centezmu (€14,597.44).**

**L-ispejjez inkluz dawk tal-ittra legali datata 13 ta' April, 2016 u dawk tal-ittra ufficjali li giet ipprezentata kontestwalment kontra s-socjeta' Thomas Smith Insurance Agency Limited, huma a karigu tal-konvenuta u l-imghax fuq din is-somma likwidata tibda tiddekorri mid-data ta' l-incident kontra l-konvenuta.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**